

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunika mill-Gvern Franċiż rigward id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi <sup>(1)</sup>**

(Avviż marbut ma' applikazzjoni għall-permess esklussiv għat-tiftix għal depożiti ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Rozay-en-Brie")

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 285/08)

Fit-23 ta' Ġunju 2010, l-impriżi Toreador Energy France SCS u Hess Oil France SAS, li l-uffiċċji tagħhom jinsabu rreġistrati fl-indirizzi 9 rue Scribe, 75009 Paris, FRANCE u 37 rue des Mathurins, 75008 Paris, FRANCE rispettivament, applikaw b'mod konġunt u solidali għall-permess esklussiv għal perjodu ta' 5 snin għat-tiftix għal depożiti ta' idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejjaħ "Permis de Rozay-en-Brie" f'żona li tkopri parti mid-Département de la Seine & Marne.

Parti miż-żona kkonċernata tikkoinċidi maż-żona speċifikata fl-applikazzjoni tal-permess "de Courpalay" ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 157 tas-17 ta' Ġunju 2010, u partijiet oħrajn mhumiex.

L-avviż preżenti jikkonċerna biss il-partijiet li jinsabu fuq barra taż-żona ta' madwar 26 km<sup>2</sup>.

Il-perimetru ta' din il-parti kopert b'dan il-permess jikkonsisti mill-arki tal-meridjani u l-arki paralleli li suċċessivament jgħaqqdu l-ogħla punti definiti hawn taħt permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, fejn il-meridjan oriġinali huwa dak ta' Pariġi.

Żona 1			Żona 2		
Punt	Lonġitudni grad mil-Lvant (East)	Latitudni grad mit-Tramuntana (North)	Punt	Lonġitudni grad mil-Lvant (East)	Latitudni grad mit-Tramuntana (North)
A	0,66	54,10	A	0,70	54,20
B	0,69	54,10	B	0,80	54,20
C	0,69	54,09	C	0,80	54,13
D	0,66	54,09	D	0,78	54,13
			E	0,78	54,17
			F	0,76	54,17
			G	0,76	54,18
			H	0,74	54,18
			I	0,74	54,19
			J	0,72	54,19
			K	0,72	54,15
			L	0,70	54,15

(1) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

**Tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tad-dritt**

L-ewwel applikant u l-applikanti li qed jikkompetu miegħu għandhom jagħtu prova li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jingħatalhom il-permess, kif speċifikat fl-Artikoli 4 u 5 tad-Digriet Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet ta' tiftix fil-minjieri u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-impriżi interessati jistgħu jressqu applikazzjoni kompetittiva fi żmien disgħin jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, skont il-proċedura indikata fl-"Avviż dwar l-għoti ta' drittijiet ta' tiftix fil-minjieri għall-idrokarburi fi Franza", ippubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, paġna 11, u stabbiliti bid-Digriet Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet ta' tiftix fil-minjieri u d-drittijiet tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom ikunu indirizzati lill-Ministru responsabbli mill-minjieri fl-indirizz li jidher hawn taħt. Id-deċiżjonijiet rigward l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi se jittieħdu fi żmien sentejn mid-data li fiha l-awtoritajiet Franċiżi jirċievu l-applikazzjoni inizjali, jiġifieri sal-20 ta' Novembru 2011, l-aktar tard.

**Il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti rigward il-prestazzjoni tal-attività u tat-twaqqif tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-Kodiċi Franċiż ta' Minjieri u għad-Digriet Nru 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006, dwar ix-xogħol fil-minjieri u x-xogħlijiet ta' ħżin taħt l-art u r-Regolamenti dwar ix-xogħol fil-minjieri u l-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Ministère de l'Écologie, de l'Énergie, du Développement durable et de la Mer: Direction générale de l'énergie et du climat, Direction de l'énergie, Sous-direction de la sécurité d'approvisionnement et nouveaux produits énergétiques, Grande Arche de la Défense — Paroi Nord, 92055 La Défense Cedex, FRANCE (Tel. +33 140819529).

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq, jinsabu fis-sit tal-internet Légifrance: <http://www.legifrance.gouv.fr>

---